# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar L-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 22**

**Rikors numru 466/20/1 GM**

**Rudolph Cassar u martu Karen Cassar Ruggier**

**v.**

**(i) Windmill Aluminium Company Limited (C-15816);**
**(ii) Grazio magħruf bħala Mario Debono;**
**(iii) martu Joanna Debono;**
**(iv) Kyle Debono**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqu l-atturi fit-22 ta' Ġunju, 2020, u li jaqra hekk:

> "1. Illi bejn is-6 ta' Frar 2004 u l-10 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrenti Rudolph Cassar kien azzjonist ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) b'ħmistax-il elf (15,000) sehem, kif ukoll direttur fis-soċjetà intimata "Windmill Aluminium Company Limited bl-uffiċju reġistrat MRA053, Marsa Industrial Estate, Marsa;

2. Illi fiż-żmien meta kien direttur u azzjonista, kien ikun hemm diversi okkażżjonijiet fejn l-istess Rudolph Cassar sellef ammonti sinifikanti lill-kumpanija Windmill Aluminium Company Limited sabiex din tkun tista' tkopri spejjeż bħal pagi u xiri ta' materjal;

3. Illi llum hemm ammonti sinifikanti għadhom dovuti, u dan minħabba l-fatt illi ma kienx ikun hemm kontanti sabiex il-kumpanija tkun tista' tmexxi n-negozju u taqdi l-obbligi tagħha;

4. Illi l-ftehim bejn ir-rikorrenti Rudolph Cassar u l-intimati fuq kif parti mill-ammont li kellu jiġi reimborsat kien milħuq tramitè s-soċjetà Central Trading Co. Ltd, fejn il-Windmill kienet ħarġet *Credit Note* lil din l-istess kumpanija fl-ammont ta' €30,436 (Dok. A) li mbagħad ġiet imdawwra lil, bil-ftehim ikun fis-sens illi dak l-ammont kellu jitħallas lir-rikorrenti Rudolph Cassar bħala reimbors ta' somom illi kien ħallas;

5. Illi fil-fatt il-kumpanija intimata stess kienet aċċetat dan l-istat ta' fatt u kienet naqset l-ammont dovut favur il-mittenti (Dok. B), però l-bilanċ ta' disgħa u għoxrin elf mija u disgħa u disgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (EUR29,199.36) baqgħu dovuti u qatt ma' tħallsu.

6. Illi fil-frattemp iżda l-intimati anke sa wasslu sabiex, b'ingann, fetħu kumpanija oħra f'isem Kyle De bono, it-tifel tal-intimat Grazio Bono bl-isem ta' Windmill Services Limited u ġie trasferut in-negozju ta' Windmill Aluminium lill-istess kumpanija;

7. Illi in vista tal-premess u l-fatt illi s-somma surreferita għadha dovuta, kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi s-somma ta' disgħa u għoxrin elf mija u disgħa u disgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (EUR29,199.36) hija douta mill-intimati jew min minnhom favur ir-rikorrenti;

2. Tordna u tikkundana lill-intimati jew min minnhom iħallsu favur ir-rikorrenti s-somma ta' disgħa u għoxrin elf mija u disgħa u disgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (EUR29,199.36), kif ukoll imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma inġunti in subizzjoni u b'riserva ta' kull dritt ta' azzjoni u rimedju fil-Liġi".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Kyle Debono li in forza tagħha eċċepixxa:

"1. Illi preliminarjament, din il-kawża hija bbażata fuq allegat self li l-attur jallega lil ta lill-kumpanija Windmill Aluminium Company Limited u allura mhux lill-eċċipjent li kjarament ma huwiex il-leġittimu kuntradittur għal din il-pretensjoni ta' ħlas lura tal-allegat self u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju qabel kull deċiżjoni oħra;

2. Illi preliminarjament ukoll, ma għandux ikun ikkonsentit li l-atturi jagħmlu talba li biha jitolbu li l-intimati "jew min minnhom" jiġu ordnati jħallsu lura self li l-atturi stess jsostnu li tawħ lil Windmill Aluminium Company Limited u mhux lill-eċċipjenti biex bħallikieku jdaħħlu lill-eċċipjenti fl-istorja u jħalluh fil-kawża għalxejn; Għal din ir-raġuni wkoll l-eċċipjent għandu jinħeles mill jiqba' fil-kawża;

3. Illi sussidjarjament, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u preliminarjament, kwantu l-azzjoni hija intiża għal radd ta' flus li l-atturi jallegaw li taw b'self, l-azzjoni hija fi kwalunkwe każ preskritta bil-preskrizzjoni ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili.

4. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi kwantu l-atturi qegħdin jibbażaw ruħhom fuq ftehim li huma jgħidu, fil-paragrafu 4 tar-rikors tagħhom, li ntlaħaq mal-intimati, huma għandhom iġibu prova kemm tas-self lill-intimati kif ukoll ftehim tal-ħlas lura mal-intimati stante li l-eċċipjent jiċħad kategorikament li huwa qatt kien involut bl-iċken mod f'xi ftehim ta' self mal-atturi, *multo magis* dwar il-ħlas lura tiegħu;

6. Illi t-talbiet atturi huma infondati wkoll stante li kemm mill-premessi u kif ukoll mid-dokumentazzjoni u credit notes esebiti, ma jirriżulta bl-ebda mod li l-eċċipjent daħal f'xi relazzjoni jew obbligu kwalsiasi mal-atturi;

7. Illi kwantu għall-kumpanija Windmill Services Limited, l-eċċipjent Kyle Debono ma kellu ebda impediment biex jaħdem fis-sengħa tal-aluminju li għallmu missieru u għandu jirriżulta li din il-kumpanija nfetħet fis-sena 2015 mill-istess Kyle Debono flimkien ma' terza persuna Jean Carl Abela nofs bin-nofs bejniethom, mingħajr ebda konnessjoni kwalsiasi mal-allegat self jew allegata *credit note* li fuqhom hija bbażata din il-kawża; l-eċċipjent jiċħad li kien hemm xi ngann jew li b'xi mod in-negozju tal-kumpanija seta' remotament affettwa lill-atturi;

8. Illi inoltre, ma hemm ebda dejn jew *credit note* validi jew vinkolanti fil-konfront tal-eċċipjent;

9. Illi l-eċċipjent jiddikjara li l-eċċezzjonijiet tiegħu qegħdin jitressqu mingħajr preġudizzju għal xulxin.

10. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi".

3. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Windmill Aluminium Co. Ltd., ta' Grazio magħruf bħala Mario Debono u ta' martu Josanne Debono li in forza tagħha eċċepew illi:

> "1. Illi preliminarjament, Grazio Debono u martu Josanne Debono fil-vesti tagħhom personali ma humiex il-leġittimi kuntradditturi stante li l-attur qiegħed jippretendi ħlas lura ta' self li huwa jgħid li ta lil kumpanija Windmill Aluminium Company Limited li għandha personalità ġuridika distinta u mhux lil Grazio jew Josanne Debono, u għaldaqstant l-imsemmi Grazio u Josanne Debono għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> 2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, peress li t-talba hija għal ħlas lura ta' self ta' flus, l-azzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili;
>
> 3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> 4. Illi kemm il-*credit note* esebita bħala Dok A mar-rikors promotur kif ukoll id-dokument esebit bħala Dok B mal-istess rikors promotur ma jagħtu ebda kreditu lill-atturi, la kontra l-kumpanija Windmill Aluminium Company Limited u lanqas kontra xi wieħed ieħor mill-konvenuti;
>
> 5. Illi inoltre mhux minnu li l-atturi ġiet imdawwra lilhom xi credit note ta' Central Trading Limited, mentri l-'*credit note*' esebita bħala Dok B ma hijiex valida u ma hijiex vinkolanti fil-konfront tal-eċċipjenti, u fil-fatt *ictu oculi* tidher li ma hija *credit note* xejn iżda sempliċiment ittra maħluqa mill-attur mingħajr l-involviment tal-eċċipjenti;
>
> 6. Illi inoltre, it-talbiet atturi għandhom jiġu miċħuda bħala infondati fid-dritt stante li meta l-attur ried joħroġ mill-kumpanija Windmill Aluminium Company Limited, l-istess attur Rudolph Cassar kien daħal f'kuntratt fejn iddikjara li ma għandu ebda talba jew pretensjoni kwalsiasi kontra l-kumpanija Windmill Aluminium Company Ltd u dan kif jirriżulta fil-klawsola 8 tal-ftehim anness u mmarkat **Dok A**) kif lanqas ma kellha ebda kreditu Central Trading Co. Ltd. kontra l-eċċipjenti;
>
> 7. Illi wkoll, skont il-klawżola 10 tal-ftehim esebit Dok A, il-kumpanija eċċipjenti kellha tibqa' proprjetarja assoluta tal-mobbli kollha

u l-partijiet kienu ftehmu li l-attur ma għandu ebda dritt ta' kumpens f'dan ir-rigward.

8. Illi kwantu għall-kumpanija Windmill Services Limited, din ma tappartjenix lill-eċċipjenti u l-eċċipjenti ma wettqu ebda ngann;

9. Illi l-eċċipjenti jiddikjaraw li l-eċċezzjonijiet tagħhom qegħdin jitressqu mingħajr preġudizzju għal xulxin.

10. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi".

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Marzu, 2022, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens illi:

"(1) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Grazio Debono u Joanna Debono, u l-ewwel eċċezzjoni ta' Kyle Debono li mhumiex leġittimi kontradritturi u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni ta' Grazio Debono u Joanna Debono u tat-tielet eċċezzjoni ta' Kyle Debono dwar il-preskrizzjoni; u tat-tieni eċċezzjoni ta' Kyle Debono.

(3) Tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Windmill Aluminium Company Limited, tiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur tal-Art. 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha".

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-konvenuti kollha għajr għal Windmill Aluminium Company Limited jeċepixxu li mhumiex leġittimi kontradritturi. Il-kreditu pretiż mill-atturi huwa allegatament dovut mill-kumpannija msemmija, u mhux mingħand il-konvenuti l-oħrajn. Għalkemm hemm premess ukoll li l-konvenuti l-oħrajn fetħu kumpannija oħra b'ingann, u li ttrasferew in-negozju tal-ewwel kumpannija għat-tieni kumpannija, mir-Rikors Ġuramentat ma jirriżulta l-ebda ness bejn din l-allegazzjoni u l-kreditu pretiż mill-atturi. Għalhekk ma tirriżultax relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenuti kollha għajr Windmill Aluminium Company Limited.

Il-konvenuti kollha jilqgħu wkoll għat-talba tal-atturi bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin *ex*-Art.2165(e) tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti

sejra tikkunsidra biss l-eċċezzjoni mressqa minn Windmill Aluminium Company Limited billi ġaladarba l-konvenuti l-oħra mhumiex leġittimi kontradditturi, u t-talbiet kontrihom ma jiswewx għall-fini ta' dan il-ġudizzju, m'hemmx lok li tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni tagħhom dwar il-preskrizzjoni, jew it-tieni eċċezzjoni ta' Kyle Debono.

Jirriżulta li l-iskrittura ta' kreditu saret fis-17 ta' Settembru 2012 filwaqt li t-talba għall-pagament akkont saret fit-8 ta' Mejju 2015. Il-kawża nfetħet fit-22 ta' Ġunju 2020 u ma jirriżultax li l-preskrizzjoni ġiet interrotta b'att ġudizzjarju jew b'xi mod ieħor. Issa skont Art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili, biex il-preskrizzjonijiet brevi fih imsemmija, inkluż dak in kwistjoni, jkollhom effett, min jeċċepihom irid minn jeddu jaħlef waqt il-kawża li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Is-soċjeta` konvenuta, tramite l-uffiċjali tagħha, ippreżentat affidavit li permezz tiegħu mhux biss tiċħad li hija debitriċi, imma wkoll iġġib raġunijiet l-għala l-kreditu mhux dovut, u saħansitra sar kontro-eżami dwaru. L-espożizzjoni tar-raġunijiet kienet kollha superfluwa, għaliex hi meħtieġa biss f'ċerti każijiet li fihom il-Gvern ikun kreditur (ara proviso għall-Art. 2156 Kod. Ċiv.). B'danakollu, għalkemm il-konvenuta ma qagħditx għall-formola sagramentali, imma marret oltre, billi ċaħdet li hi debitriċi u waqfet hemm, ma jfissirx li b'daqhekk il-vot tal-liġi ma ġiex sodisfatt".

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Rudolph Cassar li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"...togħġobha tirriforma s-sentenza appellata parzjalment, billi taqta' u tiddeċiedi bħala miċħuda t-tieni eċċezzjoni ta' Windmill Aluminium Company Limited illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Art. 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk tilqa' it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha, u dan taħt il-provvedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrulha opportuni".

7. Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta Windmill Aluminium Co. Ltd. li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, issottomettiet illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

8. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-

sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

10. Illi f'din il-kawża l-atturi allegaw li sellfu somma flus lill-kumpanija konvenuta sabiex din tkun tista' tħallas il-pagi tal-ħaddiema tagħha u tal-materjal li kienet tixtri hi. Jallegaw ukoll li sar ftehim ta' ħlas lura mal-konvenuti l-oħra. L-Ewwel Qorti ma sabet ebda ħjiel ta' xi forma ta' ftehim mal-konvenuti personalment u fis-sentenza tagħha lliberat lill-konvenuti personalment mill-osservanza tal-ġudizzju. Minn din il-parti tas-sentenza ma sarx appell mill-atturi. Fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mis-soċjetà u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi.

11. L-attur appella minn din il-parti tas-sentenza u jallega li l-konvenut Grazio Debono, f'isem is-soċjetà konvenuta, meta xehed f'din il-kawża, ammetta li hemm somma dovuta lill-atturi.

12. Din il-Qorti eżaminat l-atti u ssib li, fil-verità, ma hemm ebda ammissjoni tad-dejn. F'ebda stadju ma s-soċjetà konvenuta aċċettat li

għandha tagħti xi flus lill-atturi.  Ta' min isemmi li bi ftehim datat 14 ta' Settembru, 2012, meta l-partijiet ftehmu li jinfirdu - peress li kienu sħab fis-soċjetà konvenuta – daħlu f'dettall min se jieħu x'hiex u ftehmu wkoll, fil-klawsola numru 8, li kemm l-attur u kemm ċertu Emvin Cassar, "*have no claims and pretensions whatsoever against the Company*", ċioè il-kumpanija Windmill Aluminium Ltd.  Meta saret il-qasma allura, il-partijiet rilevanti ddikjaraw li m'għandhomx pretensjonijiet oħra kontra xulxin u f'ċertu sens "qatlu" kull pretensjoni li seta' kellhom wieħed kontra l-ieħor. Għall-bqija, dan Grazio Debono stqarr li l-kumpanija konvenuta u l-familja tiegħu "*ma għandna nagħtu xejn lil Rudolph Cassar u ma aħniex debituri tiegħu*", stqarrija li kif qalet l-Ewwel Qorti, hi konformi mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kumpanija konvenuta a bażi tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tiċħad l-istess u tikkonferma fit-totalità tagħha s-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-atturi *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm